MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 108/2010

Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)

vs

Joseph u Jacqueline mizzewgin Balzan
(I.D. 333867(M) u 42271(M))

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ppresentat mill-bank attur fil-5 ta' Frar, 2010, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt datat fit-30 ta' Marzu 2007 in atti Nutar Dottor Mary sive Mariella Mizzi (Dok. 'A') is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Joseph u Jacqueline mizzewgin Balzan;

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Joseph u Jacqueline mizzewgin Balzan fis-somma ta' tlieta u disghin elf, disa' mija u sitta u tletin Ewro u sitt centezmi (€93,936.06) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Joseph u Jacqueline mizzewgin Balzan mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B3", "C1 sa C3") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mid-19 ta' Jannar 2010 sad-data ta' l-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Joseph u Jacqueline mizzewgin Balzan;

(a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Joseph u Jacqueline mizzewgin Balzan li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment

5. Illi l-konvenuti Joseph u Jacqueline mizzewgin Balzan gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata fit-18 ta' Novembru 2009 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "D", sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Talab wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, li l-konvenuti jghidu ghaliex il-Qorti m'ghandhiex tilqa it-talbiet tas-socjeta' attrici li qeda hawn titlob:

1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Joseph u Jacqueline mizzewgin Balzan (a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-

socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Joseph u Jacqueline mizzewgin Balzan li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

2. Tikkundanna lil Joseph u Jacqueline mizzewgin Balzan ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlieta u disghin elf, disa' mija u sitta u tletin Ewro u sitt centezmi (€93,936.06) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Joseph u Jacqueline mizzewgin Balzan mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B3", "C1 sa C3") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mid-19 ta' Jannar 2010 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata fit-18 ta' Novembru 2009 kontra l-konvenuti li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-Bank attur;

Rat in-noti ipprezentati mill-konvenuti waqt is-seduta tat-2 ta' Gunju, 2010 li biha ammettew it-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors guramentat u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti Joseph u Jacqueline mizzewgin Balzan ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlieta u disghin elf, disa' mija u sitta u tletin Ewro u sitt centezmi (€93,936.06) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Joseph u Jacqueline mizzewgin Balzan mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B3", "C1 sa C3") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mid-19 ta' Jannar 2010 sad-data ta' l-effettiv pagament. Bl-ispejjez kif mitluba u bl-imghax kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------